Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,913, 26 ta' Awwissu, 2022
Taqsima B

A.L. 221 tal-2022

ATT DWAR L-AKKWIST TA' PROPRJETÀ IMMOBBLI MINN PERSUNI MHUX RESIDENTI (KAP. 246)

Indiċi tal-Prezzijiet dwar Proprjetà Immobbli

BIS-SAĦĦA u għall-finijiet tal-artikolu 6(1)(b) tal-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti, u għar-rigward tal-artikolu 2 tal-Ordni tal-1999 dwar il-Valur ta' Immobbli fl-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti, pubblikat bl-Avviż Legali 98 tal-1999, id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika stabbilixxa l-indiċi tal-prezzijiet dwar proprjetà immobbli ta' 222.33 kif kien fl-1 ta' April, 2022. Dan jirrappreżenta żieda ta' 6.7 fil-mija mill-2021. L-informazzjoni li tidher fit-tabella mehmuża ma' dan l-Avviż Legali għandha tieħu post iċ-ċifri li dehru f'avviżi legali ta' qabel f'dan ir-rigward. Iċ-ċifri għas-sena 2022 huma provviżorji.

Indiċi tal-Prezzijiet dwar Proprjetà Immobbli

Sena	Indiċi*	Rata Annwali ta' Tibdil (%)
2011	141.30	-3.1
2012	144.25	2.1
2013	145.64	1.0
2014	147.97	1.6
2015	151.92	2.7
2016	159.88	5.2
2017	168.36	5.3
2018	177.28	5.3
2019	188.80	6.5
2020	199.19	5.5
2021	208.37	4.6
2022	222.33	6.7

*Is-sena bażi tal-Indiċi hija 2004=100.